# Il-Varjazzjoni Interna f'Erbat Ibliet Maltin

Studenta:
Diane Cutajar

Tutur:
Dr Michael Spagnol

## 1. Daħla

Mir-riċerka li saret dwar il-varjazzjoni lingwistika fil-gżejjer Maltin nafu li minn lokalità għal oħra l-lingwa tvarja mhux biss fonetikament u fonoloġikament iżda grammatikalment u lessikalment ukoll. Kienu ftit l-istudji li ħarsu lejn il-varjazzjoni fi ħdan il-lokalità u għalhekk fir-riċerka tiegħi pruvajt b'mod sistematiku nwieġeb dawn iż-żewġ mistoqsijiet: Huwa minnu li nsibu varjazzjoni fl-istess lokalità? Jekk iva, kemm hi qawwija l-preżenza tal-varjazzjoni interna?

## 2. Xi nkiteb dwar il-Varjazzjoni Lingwistika

Milroy (2005) jargumenta li t-trasmissjoni tal-lingwa hija proċess soċjali għax tgħaddi minn persuna għal oħra, minn grupp għal ieħor, u minn ġenerazzjoni għal oħra u allura l-varjazzjoni lingwistika tiġi trasmessa bl-istess mod fil-kuntest soċjali. Borg (2011) jispjega li meta fil-varjetajiet ta' lingwa jkun hemm differenzi fuq il-livelli lingwistiċi kollha, dawn jissejħu "djaletti", f'kuntrast mal-"aċċenti": varjetajiet b'differenzi fil-ħoss biss. Abbażi ta' numru ta' eżempji, Borg jikkonkludi li fil-kuntest lokali nistgħu nitkellmu dwar differenzi djalettali.

### 2.1. Il-Varjazzjoni Fonetika

Il-varjazzjoni fuq il-livell fonetiku tirreferi għad-differenzi fl-artikolazzjoni tal-vokali u tal-konsonanti u kif dawn jitlissnu waħedhom jew f'kuntest partikolari. Robinson (2019) jagħti eżempju mill-Ingliż Britanniku b'pari bħal *book/buck* u *look/luck* biex jispjega kif il-kelliema min-naħa tat-Tramuntana u min-naħat iktar lejn in-nofs tal-Ingilterra jippronunzjawhom bħala omofoni bix-xufftejn iktar ittundjati, u ma jiddistingwux bejniethom. Min-naħa l-oħra, kelliema min-naħa tan-Nofsinhar jippronunzjaw il-vokali f'pożizzjoni iktar newtrali.

Fil-kuntest lokali, Borg (1988) jagħti eżempji bħall-varjant min-Nadur [tɐˈbʊjp] f'kuntrast mal-forma fl-Istandard [tɐˈbiːp] u [zɐrˈbɐʊn] fil-varjetà mitkellma f'Ta' Kerċem f'kuntrast ma' [zɐrˈbuːn] fl-Istandard. F'xi varjazzjonijiet djalettali nstab repertorju vokaliku differenti minn dak fil-Malti Standard (Borg u Azzopardi-Alexander, 1997), ngħidu aħna, waqt li fl-Istandard insibu ħdax-il oppożizzjoni vokalika, Farrugia (2016) sab li n-Naduri għandu erbatax, mentri s-Sannati jħaddan ħmistax-il waħda.

Minkejja li inqas komuni, insibu wkoll differenzi f'xi fonemi konsonantali. Vanhove (1991) issib li f'idjolett fl-Imtaħleb għadha tintuża l-fonema faringali /ʕ/ fi kliem bħal [ˈyɪrʕɐ] (*jirgħa*) u [ʕɐːˈdʒiːn] (*għaġin*).

### 2.2. Il-Varjazzjoni Morfosintattika

Lokalment għandna wkoll evidenza ta' varjazzjoni grammatikali, kemm fil-morfoloġija kif ukoll fis-sintassi. Jekk nieħdu l-plural bħala eżempju, insibu li l-Malti juża żewġ sistemi: il-plural sħiħ u l-plural miksur (Bugeja, 2018; Farrugia, 2013). Borg (1988) sab xi varjanti tal-plural li mhumiex standard, fosthom il-plural miksur *prieter* minflok *purtieri* fin-Nadur u *sfieter* minflok *sefturi* f'San Ġiljan.

Barra minn hekk, fil-Malti Standard insibu kostruzzjoni sintattika biex infissru l-progressiv jew drawwa ristretta, eżempju *qed imur*. Fl-Istandard in-negattiv jinbena biż-żieda ta' *mhux*, eżempju *mhux qed imur*, iżda fid-djalett tal-Imġarr jintuża ċ-ċirkumfiss tan-negattiv ma' *qed*, ngħidu aħna *ma qedx imur* (Camilleri Grima, 1987).

## 2.3. Il-Varjazzjoni Lessikali

Il-varjazzjoni lessikali tirreferi għall-varjazzjoni fil-kliem u t-tifsir tiegħu (Radford, Atkinson, Britain, Clahsen, u Spencer, 2009). Borg (2011) jikklassifika l-varjazzjoni lessikali fi tnejn: fl-ewwel grupp insibu varjanti li jirreferu għall-istess entità bħal *denfil* fl-Istandard u *ljun il-baħar* fix-Xlukkajr, waqt li fit-tieni grupp insibu każijiet ta' kelma waħda li tibdel it-tifsir f'varjetajiet differenti, ngħidu aħna *boxxla* fl-Istandard tirreferi għal *compass* mentri f'ħafna djaletti tirreferi għal antiporta.

Geeraerts (1994) jikklassifika l-varjazzjoni lessikali f'erba' tipi, b'eżempji mill-qasam lessikali tal-ilbies. Jibda bil-varjazzjoni semasjoloġika li tiġbor kliem li kapaċi jkollu bosta tifsiriet, jiġifieri jmur lil hinn mill-idea ristretta u ġenerali li jġorr miegħu, ngħidu aħna l-kelma *pants* li tirreferi għal kwalunkwe tip ta' qalziet. Fit-tieni tip ta' varjazzjoni, li hu jsejħilha varjazzjoni onomasjoloġika, l-istess referent jista' jissejjaħ b'għadd ta' termini li huma semantikament distinti, eżempju *pants*, *jeans* u *trousers*. It-tielet tip jittratta l-varjazzjoni formali, li turi kif l-istess tip ta' referent jista' jissejjaħ bi kliem li jista' jkun semantikament l-istess jew differenti, ngħidu aħna d-differenza bejn *pants* u *trousers* mhix daqstant semantika imma stilistika. L-aħħar tip li jiddistingwi hu l-varjazzjoni kuntestwali. Jgħid li l-preferenza li tifsira tiġi espressa b'forma u mhux oħra jaf tkun riżultat tal-influwenza ta' fatturi kuntestwali, bħal sitwazzjoni partikolari li titlob mill-kelliem stil ta' taħdit tekniku jew formali.

# 3. Il-Fatturi Soċjolingwistiċi

Insibu numru ta' proċessi ekstralingwistiċi li jwasslu għall-varjazzjoni lingwistika, li l-kelliema mhux dejjem ikunu konxji tagħhom. F'dan l-istudju nħares fid-dettall lejn tlieta minn dawn il-fatturi soċjolingwistiċi: is-sess, l-età u l-ġeografija.

## 3.1. Is-Sess

Numru ta' studji soċjolingwistiċi jidentifikaw is-sess bħala fattur soċjali sinifikanti ħafna fl-istudju tal-varjazzjoni lingwistika u l-iżvilupp

tal-lingwa. Eckert (1989) jgħid li l-irġiel u n-nisa fi ħdan l-istess soċjetà jesperjenzaw il-ħajja, il-kultura u s-soċjetà nnifisha b'modi differenti. Mir-riċerka tiegħu, Labov (1990) jgħid li n-nisa jħaddnu l-idea ta' prestiġju iktar mill-irġiel u jitkellem dwar tendenza li l-irġiel jużaw aktar forom mhux-standard waqt li n-nisa jippreferu l-istandard għax iqisuh aktar ta' prestiġju. Lakoff (1973) tosserva li xi vokabularju, eżempju dak marbut mal-kuluri missellef mill-Franċiż, bħal *mauve*, *lavender* u *magenta*, ma jintużax mill-irġiel għax jitqies "femminili".

Lokalment ukoll insibu differenzi lessikali bejn l-irġiel u n-nisa. Busuttil (2013), għall-istudju tagħha dwar il-qasam lessikali tax-xagħar, tagħżel informanti  kollha nisa minħabba li dawn ġeneralment ikollhom xagħarhom itwal u allura jkunu midħla ta' iktar stili u iktar espressjonijiet mill-irġiel. Fi studju dwar ir-reġistru tal-ilbies, Camilleri (2015) josserva li ġeneralment l-irġiel jinqdew b'termini ġenerali bħal ġakketta, waqt li n-nisa aktarx li jkunu iktar speċifiċi u jagħmlu distinzjoni bejn tipi ta' oġġett, b'termini bħal ġakketta tal-fur u ġakketta twila.

## 3.2. L-Età

Il-kelliema ta' lingwa jadottaw lingwaġġ li jkunu esposti għalih, u għalhekk, ma nistgħux nippretendu li l-lingwaġġ ta' żewġ ġenerazzjonijiet ikun l-istess għax jgħixu fi żminijiet differenti u jesperjenzaw żviluppi differenti (Coulmas, 2005; Holmes, 2013). Ngħidu aħna, il-ġenerazzjoni anzjana kienet esposta għal riżorsi u makkinarju differenti mit-tip ta' teknoloġija li ż-żgħażagħ qed jikbru biha llum, allura l-għarfien ta' lingwaġġ vast u tekniku taż-żewġ ġenerazzjonijiet se jkun f'oqsma li huma familjari magħhom.

Cassar (2013), fit-teżina tagħha dwar il-varjazzjoni lessikali fil-qasam tal-ħelu, tikkonkludi li varjanti bl-Ingliż bħal *bajd tal-Easter*, *croissant* u *cupcake* kienu iżjed komuni fil-lingwaġġ taż-żgħażagħ. Sitwazzjoni simili toħroġ ukoll fix-xogħol ta' Borg (2016) li jistħarreġ il-varjazzjoni lessikali fil-qasam tal-futbol bejn żewġ ġenerazzjonijiet. Josserva li ż-żgħażagħ għandhom tendenza jużaw iktar termini mill-Ingliż, bħal *ippassja*, *away* u *friendly*, waqt li l-adulti jużaw iktar termini bil-Malti, bħal *qassam*, *barra minn daru* u *logħba ta' ħbiberija*, rispettivament. L-użu tal-Ingliż hu aktar komuni fost iż-żgħażagħ aktarx minħabba li din il-ġenerazzjoni hi iżjed esposta għal din il-lingwa, b'sorsi bħat-televixin, il-mezzi soċjali u l-ivvjaġġar.

## 3.3. Il-Ġeografija

Illum il-ġurnata, iċ-ċaqliq minn post

għal ieħor u minn pajjiż għal ieħor żdied, u bla dubju dan huwa fattur importanti li qed iħalli effett fuq kull qasam tal-lingwa (Crystal, 2010). Huma u jħarsu lejn djaletti mitkellma f'ambjenti rurali, Chambers u Trudgill (1998) josservaw li aktar ma l-kelliema jkunu ġeografikament distinti, aktar ikollhom differenzi fil-lingwaġġ tagħhom.

Minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin, minn raħal għal ieħor insibu l-varjazzjoni lingwistika. Bosta studji juru li fi rħula differenti l-lingwaġġ jinbidel fuq il-livelli lingwistiċi kollha. Studju ta' Attard u Spagnol (2014) jistħarreġ kif il-lingwa tvarja skont il-fattur soċjolingwistiku tal-ġeografija, b'ħarsa speċifika lejn il-varjazzjoni lessikali bejn il-Malti Standard u l-Għawdxi, li jiġbor fih il-varjetajiet djalettali mitkellma f'Għawdex. Mill-istudju joħorġu numru ta' varjanti li jixhdu l-preżenza tal-varjazzjoni lessikali, eżempju għat-termini *labra tal-inxir, ħasira* u *antiporta* fil-Malti Standard, l-Għawdxin jużaw it-termini *ċombin, purtiera tal-qasab* u *boxxla,* rispettivament.

## 4. Il-Metodoloġija

Għal dan l-istudju użajt metodu kwantitattiv. Ifformulajt kwestjonarju li jinqasam fi tnejn: parti li tistħarreġ il-varjazzjoni lessikali u parti iżgħar li tiffoka fuq il-varjazzjoni morfosintattika, b'mod partikolari tal-plural u tal-komparattiv. L-ewwel parti fiha 32 stampa ta' oġġetti jew azzjonijiet ġenerali. Għażilt oġġetti li kont konxja li għandhom xi varjanti jew li sibthom fi studji oħrajn. L-informanti riedu jagħtu t-terminu li bih jirreferu għal kull stampa. Il-parti grammatikali, imbagħad, hi maqsuma fi tnejn: parti bi stampi li juru ħafna mill-istess tip ta' oġġett, biex nosserva l-varjazzjoni fil-plural, u l-parti l-oħra turi żewġ stampi għal kull terminu biex bihom nistħarreġ il-komparattiv. Peress li dan l-istudju jiffoka qabelxejn fuq il-livell lessikali, il-parti tal-kwestjonarju ddedikata għall-grammatika hi verament żgħira.[1]

Għal dan l-istħarriġ ma nintrabatx ma' qasam lessikali wieħed. Peress li nispeċifika fuq il-varjazzjoni interna, kienet tkun diffiċli li nsib numru ta' parteċipanti midħla ta' qasam partikolari fil-partijiet magħżula ta' kull belt. Għalhekk għażilt total ta' 80 kelliem/a minn kull qasam tal-ħajja u li huma mqassma kif jidher fit-tabella li ġejja. Il-parteċipanti minn kull żona kienu maqsumin indaqs bejn irġiel u nisa.

[1] Il-kwestjonarju jinsab f'Appendiċi B tat-teżina tiegħi, f'pp. 92-135.

**Tabella 1: Id-Distribuzzjoni tal-Parteċipanti**

| 80 Parteċipant/a | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20<br>Ħal Qormi | | 20<br>Iż-Żejtun | | 20<br>Ħaż-Żebbuġ | | 20<br>Ir-Rabat, Għawdex | |
| 10<br>San Ġorġ | 10<br>San Bastjan | 10<br>Ir-Raħal ta' Fuq | 10<br>Ir-Raħal t'Isfel | 10<br>Ħal Mula | 10<br>Ħal Muxi | 10<br>Wara San Franġisk | 10<br>Wara Santu Wistin |

## 5. L-Analiżi

Għall-fini ta' dan l-istudju, il-varjazzjoni nħares lejha minn żewġ angoli. F'ħafna mill-każijiet, fuq naħa nsibu qbil assolut jew kważi qbil dwar l-użu tal-istess terminu, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra joħorġu numru ta' varjanti. It-tieni tip ta' varjazzjoni hi ferm iktar minima imma iżjed qawwija. Hawn insibu li fuq iż-żewġ naħat, il-maġġoranza tal-parteċipanti jaqblu dwar terminu partikolari, iżda t-terminu li jaqblu fuqu l-parteċipanti ta' naħa huwa differenti minn dak li jaqblu fuqu l-kelliema tan-naħa l-oħra.

## 5.1. Il-Varjazzjoni Lessikali

Qabelxejn, għal tnejn biss mill-istampi kollha ma kienx hemm varjazzjoni lessikali bejn il-kelliema, tant li qablu dwar l-użu tat-termini *pexxul* jew *pexxun* u *lighter*. Dan jindika li fil-maġġoranza tal-istampi kien hemm varjazzjoni. Fit-tabella t'hawn taħt jidhru xi eżempji li fihom okkorriet il-varjazzjoni.

**Tabella 2: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet il-varjazzjoni lessikali**

| Stampa | Varjanti | Frekwenza |
|---|---|---|
| 6 | Nannakola | 62.5% |
| | Żebbellika | 21.25% |
| | Żajba żajbona | 12.5% |
| 11 | Foil | 73.75% |
| | Fidda | 15% |
| | Smontor | 11.25% |
| 23 | Moxt | 51.25% |
| | Pettne | 48.75% |

## 5.2. Il-Varjazzjoni Grammatikali

Fil-parti grammatikali tal-kwestjonarju, peress li kienet sekondarja għall-istudju tiegħi, kelli biss 9 stampi minħabba li tlieta minnhom kienu fillers. Minn dawn l-istampi, għal tlieta minnhom ma kienx hemm varjazzjoni, tant li l-informanti qablu dwar il-plurali *purtieri*, *karozzi* u *mirja*. Għall-istampi l-oħra okkorriet xi forma ta' varjazzjoni, kif jidher fit-tabella li ġejja. Il-perċentwali ta' stampa 36 u 43 ma jiġux 100% għax ingħataw xi tweġibiet oħrajn, bħal *ġebel* u *ġdid fjamant*, li għall-iskop tat-taħriġ tqiesu irrelevanti.

**Tabella 3: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet il-varjazzjoni grammatikali**

| Stampa | Varjanti | Frekwenza |
|---|---|---|
| 36 | Kantuni | 27.5% |
| | Knaten | 62.5% |
| 38 | Torti | 78.75% |
| | Torot | 21.25% |
| 43 | Iktar ġdid | 73.75% |
| | Iġded | 25% |

## 5.3. Il-Varjazzjoni Ġeografika

Biex inwieġeb il-mistoqsijiet ewlenin li wasslu għal din it-teżina, f'din it-taqsima nibda billi nħares lejn il-varjazzjoni fi ħdan l-istess belt u nanalizza s-similaritajiet u d-differenzi bejn il-kelliema miż-żewġ żoni tal-istess lokalità. Minn hawn ngħaddi għal livell usa' u niddiskuti l-varjazzjoni esterna, jiġifieri bejn l-erbat ibliet magħżula. Fl-aħħar niġbor numru ta' termini lokalizzati.

### 5.3.1. Il-Varjazzjoni Interna

Il-varjazzjoni interna klassifikajtha f'żewġ tipi. Fl-ewwel tip ġbart l-istampi li għalihom il-parteċipanti tal-ewwel żona qablu dwar varjant, filwaqt li l-kelliema tat-tieni żona, għalkemm qablu wkoll dwar varjant wieħed, użaw terminu li kien differenti minn taż-żona l-oħra. Din it-tip ta' varjazzjoni kienet minima, tant li okkorriet biss fi stampi 6, 18 u 30. Fit-tieni tip insibu sitwazzjoni fejn il-maġġoranza tal-parteċipanti f'żona minnhom jaqblu dwar l-istess varjant, waqt li fiż-żona l-oħra jintqalu għadd ta' varjanti. Din it-tip ta' varjazzjoni okkorriet għal 62.5% tal-istampi. Fit-tabelli t'hawn taħt jidhru xi ftit eżempji.

**Tabella 4: Ir-Riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet varjazzjoni lessikali interna tal-ewwel tip**

| Stampa | Lokalità | Żona | Varjanti | Frekwenza |
|---|---|---|---|---|
| 6 | Ir-Rabat | Wara San Franġisk | Nannankola | 80% |
| | | Wara Santu Wistin | Żebbellika | 70% |
| 18 | Ħaż-Żebbuġ | Ħal Muxi | Karrotti | 80% |
| | | Ħal Mula | Zunnarija | 80% |
| 30 | Iż-Żejtun | Ir-Raħal ta' Fuq | Tbenġila | 100% |
| | | Ir-Raħal t'Isfel | Kaħħala | 70% |

**Tabella 5: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet varjazzjoni lessikali interna tat-tieni tip**

| Stampa | Lokalità | Żona | Varjanti | Frekwenza |
|---|---|---|---|---|
| 9 | Ħal Qormi | San Ġorġ | Tajra | 40% |
| | | | Ħamiema | 60% |
| | | San Bastjan | Tajra | 90% |
| 19 | Ir-Rabat | Wara San Franġisk | Bambaluni | 60% |
| | | | Pasti | 20% |
| | | | Pasti tal-coconut | 20% |
| | | Wara Santu Wistin | Bambaluni | 80% |
| 18 | Ħaż-Żebbuġ | Ħal Muxi | Toppu | 60% |
| | | | Kagħka | 30% |
| | | Ħal Mula | Toppu | 80% |
| 29 | Iż-Żejtun | Ir-Raħal ta' Fuq | Toilet | 90% |
| | | Ir-Raħal t'Isfel | Toilet | 60% |
| | | | Loki | 20% |
| | | | W.C. | 20% |

Bejn iż-żoni ħarġu wkoll xi differenzi grammatikali, iżda dawn kienu ftit. Ngħidu aħna, għal stampa minnhom, il-maġġoranza tal-parteċipanti miż-żona ta' Ħal Mula preferew il-plural miksur *knaten* (90%) waqt li f'Ħal Muxi l-parteċipanti użaw kemm *knaten* (50%) kif ukoll *kantuni* (40%).

## 5.3.2. Il-Varjazzjoni Esterna

Bħal fi studji li saru qabel, minn dan l-istħarriġ ħarġet ċara l-preżenza tal-varjazzjoni esterna, f'dan il-każ bejn Ħal Qormi, iż-Żejtun, Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat, Għawdex. It-tabella li ġejja turi wħud mir-riżultati:

**Tabella 6: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet varjazzjoni lessikali esterna**

| Stampa | Lokalità | Varjant | Frekwenza |
|---|---|---|---|
| 4 | Ħal Qormi | Saqqu | 100% |
| | Iż-Żejtun | Saqqu | 100% |
| | Ħaż-Żebbuġ | Saqqu | 100% |
| | Ir-Rabat | Mitraħ | 65% |
| | | Saqqu | 25% |
| 9 | Ħal Qormi | Tajra | 65% |
| | | Ħamiema | 35% |
| | Iż-Żejtun | Tajra | 35% |
| | | Manuċċa | 65% |
| | Ħaż-Żebbuġ | Tajra | 35% |
| | | Ħamiema | 65% |
| | Ir-Rabat | Ħamiema | 95% |

Kif rajna fil-każ tal-varjazzjoni interna, bejn l-erbat ibliet ħarġu xi differenzi grammatikali. Eżempju ta' dan huwa l-plural tal-kelma *torta*. Il-plural sħiħ *torti* kien l-aktar terminu frekwenti f'Ħal Qormi, fiż-Żejtun u f'Ħaż-Żebbuġ, iżda l-maġġoranza tal-parteċipanti Rabtin, inqdew bil-plural miksur *torot*.

### 5.3.3. Il-Varjazzjoni Lokalizzata

L-aħħar osservazzjoni fejn tidħol il-varjazzjoni ġeografika hi dwar termini li huma marbuta ma' lokalità speċifika għax intużaw minn kelliema f'lokalità waħda biss. Kif jidher fit-tabella li ġejja, il-maġġoranza tat-termini lokalizzati ntqalu f'Għawdex.

**Tabella 7: Eżempji mil-lista ta' termini lokalizzati**

| Stampa | Varjant | Frekwenza | Lokalità |
|---|---|---|---|
| 9 | Manuċċa | 65% | Iż-Żejtun |
| 6 | Żajba żajbona | 50% | Ħaż-Żebbuġ |
| 4 | Mitraħ | 75% | Ir-Rabat |
| 10 | Par (karti tal-logħob) | 80% | Ir-Rabat |
| 14 | Boxxla | 70% | Ir-Rabat |
| 19 | Bambaluni | 70% | Ir-Rabat |
| 25 | Bankonċini | 85% | Ir-Rabat |

## 5.4. Il-Varjazzjoni skont is-Sess

F'dan l-istħarriġ il-varjazzjoni bejn is-sessi ma kinitx daqstant qawwija, għalhekk għażilt li nieqaf mal-livell estern tal-ġeografija, għax ma kienx hemm riżultati biżżejjed biex issir analiżi tad-differenzi bejn is-sessi fi ħdan kull belt. B'ħarsa ġenerali, fit-tabella li ġejja jidhru xi differenzi lessikali bejn l-40 raġel u l-40 mara li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ:

**Tabella 8: Eżempji ta' varjazzjoni lessikali bejn is-sessi**

<table>
<tr><th>Stampa</th><th>Sess</th><th>Varjant</th><th>Frekwenza</th></tr>
<tr><td rowspan="4">24</td><td rowspan="3">Irġiel</td><td>Beritta</td><td>20%</td></tr>
<tr><td>Skufja</td><td>32.5%</td></tr>
<tr><td>Barnuża</td><td>32.5%</td></tr>
<tr><td>Nisa</td><td>Beritta</td><td>70%</td></tr>
<tr><td rowspan="5">26</td><td rowspan="3">Irġiel</td><td>Ħakkieka tal-ġobon</td><td>65%</td></tr>
<tr><td>Imħakka tal-ġobon</td><td>20%</td></tr>
<tr><td>Li tħokk il-ġobon</td><td>15%</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Nisa</td><td>Ħakkieka tal-ġobon</td><td>47.5%</td></tr>
<tr><td>Imħakka tal-ġobon</td><td>52.5%</td></tr>
</table>

## 6. Konklużjoni

Minn dan l-istħarriġ ħarġu ħames sejbiet ewlenin. Qabelxejn, nistgħu nikkonkludu li bejn il-kelliema jeżistu numru sostanzjali ta' differenzi lessikali, tant li mill-analiżi tar-riżultati jidher li għal 93.75% tal-istampi mill-parti lessikali tal-kwestjonarju l-informanti varjaw lessikalment.

It-tieni sejba tittratta l-varjazzjoni abbażi tal-ġeografija, speċifikament fi ħdan l-istess belt. Mill-analiżi tar-riżultati ħareġ li l-varjazzjoni interna hija minima. Għal 9.4% biss tal-istampi, kien hemm varjazzjoni fl-iktar varjant frekwenti f'kull żona.

It-tielet sejba, dwar il-fattur tal-ġeografija wkoll, tittratta l-varjazzjoni esterna. Il-varjazzjoni fuq dan il-livell hi qawwija, tant li okkorriet għal 90.63% tal-istampi mill-parti lessikali tal-kwestjonarju. Osservazzjoni oħra tikkonċerna numru ta' termini li okkorrew f'lokalità waħda biss u għalhekk huma varjanti lokalizzati, għalkemm dan l-istudju stħarreġ erba' lokalitajiet biss.

Ir-raba' sejba tinvolvi l-fattur tas-sess. Sibt li għal 25% tal-istampi tal-kwestjonarju okkorrew xi differenzi bejn il-kelliema rġiel u l-kelliema nisa, minkejja li ħafna minn dawn kienu pjuttost sottili.

Il-ħames sejba tinvolvi l-varjazzjoni grammatikali. Il-parti grammatikali tal-kwestjonarju ftit li xejn ħalliet frott, la fejn tidħol il-varjazzjoni interna u lanqas fejn tidħol il-varjazzjoni esterna.

Mir-riżultati ta' dan l-istħarriġ, b'hekk, tfeġġ din il-mistoqsija: Jista' jkun li l-varjazzjoni interna hi biss fuq livell ta' aċċent u mhux djalett? Sabiex din il-mistoqsija titwieġeb irid isir studju parallel ma' dan iżda li jittratta speċifikament livelli lingwistiċi oħra, partikolarment il-livell fonoloġiku.

# Biblijografija


Attard, K. u M. Spagnol. "Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi." *Leħen il-Malti Għadd 33*, 97-118. Għaqda tal-Malti –Università, 2014.

Borg, A. *Ilsienna: Studju Grammatikali.* Ħas-Sajjied, Malta: Pubblikazzjoni tal-Awtur, 1988.

Borg, A. "Lectal Variation in Maltese." F'Caruana, S., Fabri. R., u Stolz, T. (Ed.), *Variation and Change. The Dynamics of Maltese in Space, Time and Society* (pp. 11-31). Berlin: De Gruyter, 2011.

Borg, A. u M. Azzopardi-Alexander. *Maltese. Lingua Descriptive Grammars*. Londra u New York: Routledge, 1997.

Borg, C. *Studju Soċjolingwistiku fuq ir-Reġistru tal-Futbol* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2016.

Bugeja, K.M. *Il-Plural Sħiħ – Il-Plural Miksur: Min Jgħid Xiex?* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2018.

Busuttil, L. *Il-Qasam Lessikali tax-Xagħar* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2013.

Camilleri Grima, A. *Language, Socialisation and Education in Mġarr* (Teżi tal-B.Ed. Unuri). L-Università ta' Malta, 1987.

Camilleri, A. *Ir-Reġistru tal-Ilbies* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2015.

Cassar, F. *Varjazzjoni Djalettali fil-Qasam Lessikali tal-Ħelu* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2013.

Chambers, J.K., u P. Trudgill. *Dialectology.* Ir-Renju Unit: Cambridge University Press, 1998.

Coulmas, F. *Sociolinguistics: The Study of Speakers' Choices.* New York: Cambridge University Press, 2005.

Crystal, D. *The Cambridge Encyclopedia of Language.* New York: Cambridge University Press, 2010.

Eckert, P. "The whole woman: Sex and gender difference in variation." *Language Variation and Change, 1*(3), 245-267, 1989. https://doi.org/10.1017/S095439450000017X

Farrugia, A. *Il-Varjanti tal-Plural fil-Malti* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2013.

Farrugia, R. *Analiżi Akustika u Komparattiva ta' Żewġ Djaletti Għawdxin* (Teżi tal-M.A.). L-Università ta' Malta, 2016.

Geeraerts, D. "Varieties of Variation." F'Geeraerts, D., Grondelaers, S., u Bakema, P. (Ed.), *The Structure of Lexical Variation: Meaning, Naming and Context* (pp. 1-16). Berlin, New York: Mouton de Gruyter, 1994.

Holmes, J. *An Introduction to Sociolinguistics.* Londra u New York: Routledge, 2013.

Labov, W. "The intersection of sex and social class in the course of linguistic change." *Language Variation and Change, 2*(2), 205-254, 1990. https://doi.org/10.1017/S0954394500000338

Lakoff, R. "Language and woman's place." *Language in Society, 2*(1), 45-79, 1973. https://doi.org/10.1017/S0047404500000051

Milroy, J. Variability, language change, and the history of English. *International Journal of English Studies*, *5*(1), 1-11, 2005. https://revistas.um.es/ijes/article/view/47831

Radford, A., Atkinson, M., Britain, D., Clahsen, H., u Spencer, A. *Linguistics: An Introduction*. Ir-Renju Unit: Cambridge University Press, 2009.

Robinson, J. "Phonological variation accross the UK." *British Accents and Dialects*. British Library Newsletter, 2019. https://www.bl.uk/british-accents-and-dialects/articles/phonological-variation-across-the-uk

Vanhove, M. On the survival of [ʕ] in a Maltese idiolect at Mtaħleb in Malta. *Journal of Afroasiatic Languages*, *3*, 22-34, 1991. https://www.academia.edu/8480392/1991-92._On_the_Survival_of_%CA%95_in_a_Maltese_Idiolect_at_Mta%C4%A7leb_in_Malta._Journal_of_Afroasiatic_Languages_3_22-34